MALTA

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 24 ta' Marzu 2021**

**Kumpilazzjoni numru 170/2021CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lydon Zammit)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Brian Mallia**
**(ID: 321374M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Brian Mallia li ġie akkużat:

1. Talli nhar il-11 ta' Marzu 2021 għall-ħabta ta' bejn is-14:30hrs u t-15:15hrs ta' waranofsinhar minn ġewwa r-residenza bin-numru 56, Triq l-Iskola, Tarxien, ikkommetta serq ta' ġojjellerija u flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-lok li sar għad-dannu ta' Alexander Smith u/jew Kirsty Vidal u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil Alexander

Smith kontra l-volontà tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejġu.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun.

4. Talli fil-11 ta' Marzu 2021 għall-ħabta ta' bejn is-13:45hrs u s-14:00hrs ta' waranofsinhar ġewwa r-residenza 4, Triq Verdala, Bormla, bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u bil-lok u li wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa indipendenti u aċċidentali mill-volontà tiegħu u dan għad-dannu ta' Karen Cremona u/jew ta' xi persuna/i oħra u/jew entitajiet oħra.

5. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu riċediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni tal-imputat u rat id-dokumenti esebiti, tqis li l-imputazzjonijiet ġew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali tiegħu li minnha jirriżulta li huwa riċediv u li hija miżgħuda b'kundanni għal reati identiċi għal dawk odjerni. Il-Qorti ħadet ukoll in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija dwar l-akkużi odjerni u wkoll dwar każijiet oħra.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat ġie trattat b'kull mod possibbli minn dawn il-Qrati u ngħata ċans biex jgħin lilu nnifsu. Dan evidentement ma sarx.

Għaldaqstant il-Qorti ma tarax piena oħra idoneja ħlief dik ta' priġunerija effettiva.

## DECIDE

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(c)(e), 261 (a), (b), (c), (e), 262 (1) (b) (2), 263(a) u (b), 267, 269(g), 275, 277(b), 278(3), 279(b), 280(2), 281(a) u 289 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 6, 51(7), 55(a) tal-Kap 480 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara lill-imputat **Brian Mallia** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal perjodu ta' erba' (4) snin priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

In oltre, il-Qorti tikkundanna lill-imputat iħallas l-ispejjeż kollha relatati ma' inkjesta li nfetħet fil-11 ta' Marzu 2021 u dan fi żmien sittin (60) ġurnata minn meta huwa jiġi notifikat b'talba għall-ħlas mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur